Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Novembru, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4176/2021, fl-ismijiet Keith Spiteri et vs Alessandro sive Alex Mercieca, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum, 29 ta' Settembru, 2021

Lil: Alessandro sive Alex Mercieca (KI 85363M) ta' 4, Anil, Triq il-Ħawt, Is-Swieqi

Permezz tal-preżenti, Keith u Maria konjugi Spiteri (KI 51175M u 274176M rispettivament) ta' 16, Ta' Gerita, Fl 3, Sqaq il-Ħofra fi Triq San Ġwann, Ħal Għargħur, filwaqt li jagħmlu riferenza għall-att ta' konvenju ffirmat bejnietkom nhar l-4 ta' Mejju, 2020, bix-xhieda tan-Nutar Dr Dorian Sciberras fejn inti obbligajt ruħek li tbigħ, iċċedi, tassenja u tittrasferixxi l-arja ta' ċirka 70.3m² fejn kellu jiġi kostruwit l-appartment fi stadju finished internament immarkat bin-numru 2, second floor level formanti parti minn blokk bini li kellu jiġi żviluppat minflok il-fond bin-numru uffiċjali 81, fi Triq Clarence fl-Imsida, liberu u frank bil-ġustijiet kollha tiegħu, liema konvenju għandu jagħlaq fit-30 ta' Settembru, 2021, jinterpellawk sabiex entro jumejn min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tersaq u taddivjeni għall-formazzjoni u pubblikazzjoni tal-opportun att ta' komprovendità u dan fit-termini tal-liġi u senjatament tal-Art 1357 tal-Kap. 16 tal-Liġiet ta' Malta.

Fin-nuqqas, il-mittenti ma jibqagħlhom ebda triq oħra għajr li jipproċedu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Diċembru, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 30th November, 2021, in the records of the judicial letter number 4176/2021, in the names Keith Spiteri et vs Alessandro sive Alex Mercieca, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 29th September, 2021

To Alessandro sive Alex Mercieca (ID 85363M) of 4, Anil, Triq il-Ħawt, Swieqi

By means of this present, Keith and Maria spouses Spiteri (ID 51175M and 274176 M respectively) of 16, Ta' Gerita, Fl 3, Sqaq il-Ħofra fi Triq San Ġwann, Ħal Għargħur, make reference to the promise of sale signed between you on the 4th May, 2020, witnessed by Notary Doctor Dorian Sciberras where you obliged yourself to sell, surrender, give and transfer the airspace of about 70.3m² where an apartment was to be built in a finished state internally marked with number 2 on the second floor level forming part of a block of apartments that had to be developed instead of the premises with official number 81, in Triq Clarence Imsida, free and unencumbered with all its rights, which promise of sale expires on the 30th of September, 2021, and solicits you so that within two days from the notification of this judicial letter you come forward for the opportune publication of the deed of sale and this in terms of law and particularly Art. 1357 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

In default, the interpellants will have no alternative but to proceed according to law.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 24th December, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1970

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Awwissu, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 628/2019, fl-ismijiet l-Avukat Ġenerali vs Dr Philip Said, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-

By means of a decree of the 9th August, 2021, of the Courts of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 628/2019, in the names Attorney General vs Dr Philip Said ordered the following publication for the purpose

konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 5 ta' April, 2019,

Lil Dr Philip Said (KI 781052M) ta' 38, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Is-Siġġiewi

Bil-preżenti, l-Avukat Generali b'referenza għall-kawża fl-ismijiet Dr Philip Said vs l-Avukat Ġenerali, Appell numru 1/2015AE u deċiża fil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-31 ta' Ottubru, 2016, jinterpellak sabiex fi żmien ġimagħtejn inti tħallas l-ammont ta' €444.78 bħala spejjeż legali marbutin mal-kawża fl-ismijiet premessi skont it-taxxa hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A.

Fin-nuqqas, il-mittenti se jkun kostrett jipproċedi ulterjorment kontra tiegħek mingħajr avviż ieħor, bil-ħruġ tal-mandati opportuni kif tikkontempla l-liġi.

Bl-ispejjeż

Mittenti: L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, Il-Palazz, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 24 ta' Diċembru, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 5th April, 2019,

To Dr Philip Said (ID 781052M) of 38, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Siġġiewi

By the present the Attorney General, with reference to the case in the names Dr Philip Said vs Attorney General, Appeal number 1/2015 AE and decided by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) on the 31st October, 2016, solicits you so that within two weeks you pay the amount of €444.78 representing legal costs in connection with the said application in the said names according to the attached taxed bill of costs marked as Doc. A.

In default of payment the interpellant will proceed against you without further notice, and with the issue of the opportune warrants according to law.

With costs

Interpellant: Attorney General, The Office of the Attorney General, The Palace, Valletta

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 24th December, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1971

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Jannar, 2020, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1447/2021, fl-ismijiet Finance House plc vs Dimitar Terziev ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Dimitar Terziev a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 29 ta' Lulju, 2020

Lil Dimitar Terziev (KI 181462A) ta' 51, St Nicholas, Flat 2, Triq J. Quinlinus, San Pawl il-Baħar

Permezz tal-preżenti Finance House plc (C58869) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tagħmillek referenza għall-kambjali ffirmati u aċċettati minnek

By means of a decree of the 20th January, 2020, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1447/2020 in the names Finance House plc vs Dimitar Terziev the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Dimitar Terziev in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 29th July, 2020

To Dimitar Terziev (ID 181462A) of 51, St Nicholas, Flat 2, Triq J. Quinlinus, St Paul's Bay

By the present Finance House plc (C58869) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, refers you to the bills of exchange signed and accepted by yourself numbered from

innumerati min-numru għaxra (10) san-numru (28) kopja ta' liema qegħdin jiġu annessi ma' din l-ittra uffiċjali, u peress illi dawn il-kambjali li kellhom jitħallsu kull l-1 tax-xahar u ċjoè bejn l-1 ta' Diċembru, 2018, u l-1 ta' Ġunju, 2020, rispettivament, baqgħu ma tħallsux minkejja li għadda t-tali żmien u minkejja li ġejt interpellat kemm-il darba, tinterpellak sabiex entru jumejn (2) min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali tħallas lill-kumpanija mittenti s-somma kumplessiva ta' €2,734.29 rappreżentanti import tal-imsemmija kambjhali, liema kambjali ġew minnek iffirmati u baqgħu ma tħallsux.

Il-kumpanija mittenti tavżak illi jekk tonqos milli tottempera ruħek mas-su espost se tipproċedi bl-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini u effetti kollha tal-liġi, kun avżat illi ai termini tal-artikolu 253€ tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandek id-dritt sabiex fi żmien għoxrin gurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tippreżenta rikors sabiex topponi għall-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali minħabba r-raġuni illi l-firma fuq il-kambjali mhijiex tiegħek jew minħabba raġuni gravi u valida.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-preżenti kontra tagħkom u bl-imgħaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat sabiex trendi l-imsemmija kambjala esegweibbli ai termini ta' Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum l-24 ta' Diċembru, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

number ten (10) to number twenty eight (28) copies of which are hereby being attached together with this judicial letter, and this due to the fact that these bills of exchange should have been paid on the first (1st) dayd of every month and that is between the first (1st) of December of the year 2018 and the first (1st) June of the year, 2020, respectively, have remained unpaid despite being due and even though such payment was requested on numerous occasions, is therefore requesting you that within two (2) days from being served with this judicial letter to proceed to pay the company the sum of €2,734.29 which sum represents the sum of the said bills of exchange, which bills of exchange were signed by yourself and remain to be unpaid.

The company informs you that if you fail to abide by the aforementioned it will proceed with the execution of the mentioned bills of exchange according to Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all intents and purposes of law, be warned that in terms of Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta you have a right to present an application within twenty (20) days from the date of when you are served with this judicial letter to oppose the execution of the mentioned bills of exchange due to the reason that the signature on the bills of exchange is not yours or because of a grievous and valid reason.

For you to be guided accordingly.

With costs, including that of the present against you and with legal interest from the date of each respective bill of exchange till the date of effective payment.

This judicial letter is being sent to render the mentoned bills of exchange as enforceable in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 24th December, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1972

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fis-6 ta' Diċembru, 2021, fuq talba ta' Jovan Mizzi et ġie ordnat biex jintgħażlu

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 6th December, 2021, following a request of Jovan Mizzi et it

kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Mediterranea Distribuzione S.R.L. fl-atti tal-Appell numru 576/09, fl-ismijiet Mediterranea Distribuzione S.R.L. et vs Jovan Mizzi et u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat, fil-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet Mediterranea Distribuzione S.R.L., soċjetà estera reġistrata l-Italia bin-numru 02155040807 u bl-indirizz Bovalino, Reggio Calabria, L-Italia, Strada Statale 106KM vs Jovan Mizzi (KI 340061M) u Unitrade Limited C9456, fejn Jovan Mizzi et esponew bir-rispett:

Illi l-appell fuq imsemmi ġie differit għall-10 ta' Jannar, 2022, fil-11.00 a.m. għan-notifika tas-soċjetà appellata Mediterranea Disribuzione S.R.L.;

Illi l-appellanti ġew notifikati b'nota tal-Avukat Hugh Peralta u l-PL Nicholette Aquilina fejn infurmaw l-Qorti illi Mediterranea Distribuzione S.R.L. minn Sqallija kienu jesportaw merċi lejn Malta, liema bejgħ kien jikkonsisti f'perċentwali sostanzjali tan-negozju tagħhom, għal liema merċi kienu qegħdin jivvantaw ġudizjalment talba għall-ħlas stante li l-importatur Malti ma kienx ħallas il-prezz tal-istess, kif ukoll risarċiment kontra terzi għal danni sofferti minnhom.

Fil-fatt il-proċeduri ġudizzjarji inbdew fid-2009 u sallum għadhom ma spiċċawx.

Fil-frattemp il-kumpanija Mediterranea stante wkoll in-nuqqas tal-flus minn Malta, falliet. Il-kuntatti bejn Mediterranea u l-Avukat u l-PL sottofirmati spiċċa għalkollox.

Għaldaqstant, l-Avukat Hugh Peralta u l-PL Nicholette Aquilina qegħdin jinfurmaw lil din l-Onorabbli Qorti li huma qegħdin jirrinunzjaw il-patroċinju tal-istess għar-raġunijiet imsemmija.

B'riserva għall-ħlas tad-drittijiet ġudizjali dovuti lis-sottofirmati skont kif sa issa deċiżi u kif jistgħu jiġu finalment kkonfermati jew le.

Għaldaqstant, l-appellanti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Mediterranea Distribuzione S.R.L. fl-atti relattivi u sussegwenti.

Rikorrenti: c/o 103, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta
Kuraturi Deputati, il-Qorti, Il-Belt Valletta

was ordered that deputy curators be chosen to represent Mediterranea Distribuzione S.R.L. in the records of Appeal Number 576/09 in the names Mediterranea Distribuzione S.R.L. et vs Jovan Mizzi et and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application, filed in the Court of Appeal, in the names Mediterranea Distribuzione S.R.L., a company registered in Italy holding number 02155040807 and with address Bovalino, Reggio Calabria, Italia Strada, State 106KM vs Jovan Mizzi (ID 340061M) and Unitrade Limited C9456, the applicant Jovan Mizzi et requested with respect:

That the appeal above mentioned was postponed to the 10th January, 2022, at 11.00 a.m for the purpose of notifying Mediterranea Distribuzione S.R.L.;

That the appellants were notified with a note of Advocate Hugh Peralta and Legal Procurator Nicholette Aquilina by means of which they informed the Court that Mediterranea Distribuzione S.R.L. from Siciy used to export merchandise to Malta, which sale consisted of a substantial percentage of their business, for which merchandise they had a claim for payment because the Maltese importer did not pay the price of the same, and also for the reimbursement from third parties for damages suffered by them.

In fact the judicial proceedings started in 2009 and till today they have not been concluded.

In the meantime the company Mediterranea has become insolvent also because of its lack of recovery of money from Malta. Any contact between Mediterranea and the undersigned Advocate and Legal Procurator has completely ended.

Thus, Advocate Hugh Peralta and PL Nicholette Aquilina are informing this Honourable Court that they are renouncing to the representation of the same for the above mentioned reasons.

With due reservation for any judicial fees due to the undersigned as these have so far been decided and as they may be eventually confirmed, or otherwise.

Thus, the appellants are requesting this Honourable Court to nominate deputy curators to represent Mediterranea Distribuzione S.R.L. in the relative and subsequent acts.

Applicants: c/o 103, Triq id-Dejqa, Valletta
Deputy Curators: Law Courts, Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Appell, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Prim'Imħallef Mark Chetcuti, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 6 ta' Diċembru, 2021

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Diċembru, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in th execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Court of Appeal, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Chief Justice Mark Chetcuti, LLD, Doctor of Laws.

Today 6th December, 2021

Registry of the Superior Courts, today 24th December 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1973

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-23 ta' Awwissu, 2021, fuq talba ta' Emanuele Cutajar et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw is-sidien tad-dirett dominju mhux magħruf fl-atti taċ-ċedola numru 1506/2021 fl-ismijiet Joseph Bonett et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta'ċens ta' Emanuele Cutajar, pensjonant, iben il-mejtin Anthony Cutajar u Frangiska Cutajar née Bonnici, mwieled iż-Żurrieq nhar it-22 ta' Jannar, 1950 (KI 133250M) u Josephine Cuajar, mart Emanuele Cutajar, mara tad-dar, bint il-mejjet Michele Incorvaja u Madalena Invorvaja née Gravina, imwielda nhar it-22 ta' Awwissu, 1953 (KI 594353M) konjugi Cutajar, residenti 9 ġja 11A, Triq San Franġisk, Marsaxlokk vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien tad-dirett dominju mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-11 ta' Awwissu, 2021, fejn Emmanuele Cutajar

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 23rd August, 2021, following a request by Emanuele Cutajar et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the the unknown direct owners in the acts of the schedule of deposit number 1506/2021 in the names Emanuele Cutajar vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of groundrent filed in the First Hall of the Civil Court on the 11th August, 2021, in the names Emanuele Cutajar, pensioner, son of the late Anthony Cutajar and Frangiska Cutajar née Bonnici, born in Żurrieq on the 22nd January, 1950 (ID 133250M) and Josephine Cutajar, wife of Emanuele Cutajar, housewife, daughter of the late Michele Incorvaja and Madalena Incorvaja née Gravina, born on the 22nd August, 1953 (ID 594353M) spouses Cutajar residing at 9 previously 11A, Triq San Franġisk, Marsaxlokk vs Deputy Curators to represent the unknown direct owners, the applicants Emanuele

(KI 133250M) u Josephine Cutajar (KI 594353M) konjugi Cutajar u residenti 9 ġja 11A, Triq San Franġisk, Marsaxlokk, esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-fond ta' 9 ġja 11A, Triq San Franġisk, Marsaxlokk, liema fond ġie akkwistat mingħand Michele Incorvaja permezz tal-kuntratt in atti tan-Nutar Joseph Felix Abela datat 10 ta' Novembru, 1981 (Dok. A) u liema fond huwa muri permezz tad-Dokument B.

Illi oriġinarjament il-fond ġie akkwistat minn Michele Incorvaja permezz tal-att ta' diviżjoni in atti tan-Nutar Joseph Felix Abela datat 23 ta' April, 1955, fejn Michele Incorvaja akkwista l-fond inkwistjoni suġġett għal ċens annwu u perpetwu ta' 9 soldi (Dok. C);

Illi minkejja li saret riċerka ma setgħatx tiġi traċċata l-konċessjoni enfitewtika oriġinali tal-fond (Dok. D);

Illi għalhekk kontestwalment ma' din iċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens qiegħed jiġi sottomess ukoll rikors ta' ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw id-direttarji tal-enfitewsi originali.

Illi l-esponenti jridu li jifdu ċ-ċens li hemm mgħobbi fuq il-fond u għalhekk qegħdin jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija mill-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu 1501;

Illi ċ-ċens annwu u perpetwu ta' 9 soldi li huwa ekwivalenti għal Lm0.03 u €0.07 kapitalizzat bil-5% jammonta għal €1.40;

Illi ċ-ċens annwu u perpetwu għal dawn l-aħħar 6 snin jammontaw għal €8.40.

Għaldaqstant l-esponenti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha tiddepożita s-somma ta' €9.80 rappreżentanti taċ-ċens annwu u perpetwu kkapitalizzat bil-5% gravanti fuq il-fond hawn fuq imsemmi, kif ukoll l-ammont ta' ċens għal dawn l-aħħar 6 snin, liema somma għandha tiġi liberalment rilaxxata favur is-sidien tad-dirett dominju u dan skont dawk il-provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Esponenti: 9 ġja 11A, Triq San Franġisk, Marsaxlokk

Notifiki: 1) Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta

Cutajar (ID 133250M) and Josephine Cutajar (ID 594353M), spouses Cutajar and residing at 9 previously 11A, Triq San Franġisk, Marsaxlokk, respectfully submitted:

That the applicants are the owners of the premises 9 previously 11A Triq San Franġisk, Marsaxlokk, which premises were acquired from Michele Incorvaja by means of a contract in the records of Notary Joseph Felix Abela dated 10th November, 1981 (Doc. A) and which premises are shown by means of Document B;

That originally the premises were acquired by Michele Incorvaja by means of a deed of division in the records of Notary Joseph Felix Abela dated 23rd April, 1955, were Michele Incorvaja acquired the premises in question subject to the annual and perpetual groundrent of 9 pence (Doc. C);

That although the searches were made the emhyteutical session of the original premises cannot be traced (Doc. D);

That together with this schedule of deposit an application for the nomination of deputy curators to represent the owner of the original emphyteusis is made;

The applicants want to redeem the groundrent regarding the said premises and thus they are availing themselves from the option given to them from Cap. 16 of the Laws of Malta article 1501;

That the annual and perpetual groundrent of 9 pence is equivalent to Lm0.03 and €0.07 capitalised with the rate of 5% ammount to €1.40;

That the annual and perpetual groundrent for these last 6 years amounts to €8.40;

Thus the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the amount of €9.80 representing the annual and perpetual groundrent capitalisewd at the rate of 5% regarding the premises above mentioned and also the amont of groundrent due for the last 6 years, which amount will be freely withdrawn by the direct dominium owners according to those directions that this Honourable Court deems fit to give.

Applicants: 9 previously 11A, Triq San Franġisk, Marsaxlokk

Notification: 1) Director of Public Registry, Triq id-Dejqa, Valletta

2) Registratur tal-Artijiet, 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

3) Kuraturi Deputati,il-Qorti, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Christian Falzon Scerri, BA, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit, Duttur tal-Liġi.

Illum 23 ta' Awwissu, 2021

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Diċembru, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

2) Registrar of Lands, 116, Triq il-Punent, Valletta

3) Deputy Curators, Law Courts , Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Christian Falzon Scerri, BA, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit, Doctor of Laws.

Today 23rd August, 2021

Registry of the Superior Courts, today 24th December, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1974

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-10 ta' Awwissu, 2021, fuq talba ta' Joseph Bonett et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tad-direttarji mhux magħrufa għad-dirett dominju perpetwu relattiv fl-atti taċ-ċedola numru 1491/2021 fl-ismijiet Joseph Bonett et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Joseph Bonett (KI 334064M) iben Edward u Emanuela née Falzon imwieled Tal-Pietà fid-29 ta' Ġunju, 1964, u Katrina Bonett Myles (KI 21809A) bint John Myles u Rena née Carr imwielda Coatbridge, Skozja fl-14 ta' Lulju, 1966, vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 10th August, 2021, following a request by Joseph Bonett et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the interest of the unknown direct owners for the xxxx in the acts of the schedule of deposit number 1491/2021 in the names Joseph Bonett et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of groundrent filed in the First Hall of the Civil Court on the 9th August, 2021, in the names Joseph Bonett (ID 334064M) son of Edward and Emanuela née Falzon born in Pieta on the 29th June, 1964, and Katrina Bonett Myles (ID 21809A) daughter of John Myles and Rena née

mhux magħrufa inkluż ukoll id-direttarju Giuseppe Gauci, (KI 0175872B), iben Salvatore u Paola née Stellini, u l-avventi kawża tiegħu u Joseph Bartolo (KI 249549M) iben Giuseppe u Angela née Muscat imwieled San Pawl il-Baħar fit-30 ta' Jannar, 1949, f'ismu proprju u in rappreżentanza tal-eredi ta' Giuseppe Bartolo, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-9 ta' Awwissu, 2021, fejn Joseph Bonett u Katrina Bonett Myles esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti huma proprjetarji ta' żewġ fondi ossija maisonette bin-numru 42 gia bin-numru 36 bl-isem Carmel u maisonette bin-numru uffiċjali 43, sottopost għal fond suċitat, ġja 37 ġja 23 u bl-isem ta' Santa Filomena fi Triq Pwales, Ix-Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema proprejtà tinsab aħjar deskritta fuq is-site-plan hawn annessa u mmarkata bħala Dok. JB1;

Illi l-proprjetà su esposta ġiet akkwistata permezz ta' żewġ kuntratti ta' komprovenditа, it-tnejn in atti tan-Nutar Miriam Musumeci Macelli datati 28 ta' Ġunju, 2010, u ieħor 17 ta' Ottubru, 2016, kopja ta' liema qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. JB2 u Dok. JB3 rispettivament;

Illi, di piu, il-proprjetà suriferita hija wkoll suġġetta għal ċens annwu u perpetwu ta' €25.65 u ċjoè l-ammont ta' €17.50 jaggrava l-fond numru 42 filwaqt li r-rimanenti €8.15 huwa gravanti fuq il-fond numru 43;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom ai termini tal-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jirredimu ċ-ċens sovra indikat;

Illi l-esponenti ma jafux lil min hu dovut dan il-kanone u għaldaqstant mhux qed jitħallas. Jafu biss, l-esponenti, illi s-subċens gravanti l-proprjetà de quo huwa dovut lill-intimat Joseph Bartolo, iżda ma jafux il-quantum kemm huwa dovut bħala subkanone;

Illi kontestwalment ma' din iċ-ċedola ta' depożitu l-esponenti qegħdin jippreżentaw rikors għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interess tad-direttarji mhux magħrufa jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu;

Illi ċ-ċens annwu u perpetwu ta' €25.65 kkapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €513;

Illi l-esponenti jixtiequ wkoll iħallsu l-import ta' 5 snin ċens u ċjoè s-somma ta' €128.25 filwaqt li qegħdin ukoll għal kull bon fini, iħallas laudemium fis-somma ta' €25.65.

Carr, born in Coatbridge, Scotland on the 14th July, 1966, vs Deputy Curators to represent the unknown direct owner or owners including the owner Giuseppe Gauci (ID 0175872B) son of Salvatore and Paola née Stellini and their successors in title and Joseph Bartolo (ID 249549M) son of Giuseppe and Angela née Muscat born in San Pawl il-Baħar on the 30th January, 1949, in his own name and in representation of the heirs of Giuseppe Bartolo, the applicants Joseph Bonett and Katrina Bonett Myles respectfully submitted:

That the applicants are the owners of two premises that is a maisonette with number 42, previously 36, with the name Carmel and a maisonette with official number 43 underlying the premises above mentioned previously 37 previously 23 and with the name Santa Filomena fi Triq Pwales, Xemxija, limits of St Paul's Bay, which property is better described on the site-plan here attached and marked as Doc. JB1;

That the property above mentioned was acquired by means of two contracts of sale, both in the acts of Notary Miriam Musumeci Macelli dated 28th June, 2010, and another dated 17th Otober, 2016, copies of which are here attached and marked as Doc. JB2 and Doc. JB3 respectively;

In addition, the above mentioned property is subject to the annual and perpetual groundrent of €26.65 and that is the amount of €17.50 on the premises number 42 whilst the remaining €17.50 on the premises number 43;

The applicants wish to avail themselves from the option given to them in terms of Article 1501 of the Civil Code and redeem the groundrent above mentioned;

The applicants do not know to whom this ground rent is due and thus it is not being paid. They only know that the sub groundrent on the property de quo is due to the respondent Joseph Bartolo, but they do not know the amount that is due as sub ground rent;

Together with this schedule of deposit the applicant is filing an application for the nomination of deputy curators to represent the interest of the unknown direct owners or their successors in title;

That the annual and perpetual groundrent of €25.65 capitalised at the rate of 5% amounts to €513;

That the applicant wishes to pay five (5) years groundrent and that is the amount of €128.25 whilst they are also paying the laudemium in the amount of €25.65.

Għaldaqstant l-esponenti qiegħda tadixxi din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma komplessiva ta' €666.90 sabiex din is-somma tiġi liberament żbankata mill-intimati u dan wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Depositanti: Joseph Bonett u Katrina Bonett Myles, 8 Campsie Glen, Triq Manwel Bonnici, San Pawl il-Baħar

Notifiki: 1) Direttur tar-Reġistru Pubbliku, 34, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta
2) Kuraturi Deputati, il-Qorti, Il-Belt Valletta
3) Joseph Bartolo, 3 Triq it-Torri, San Pawl il-Baħar

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Christian Falzon Scerri, BA, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit, Duttur tal-Liġi.

Illum 10 ta' Awwissu, 2021

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Diċembru, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Thus the applicant is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the total amount of €666.90 which amount will be freely withdrawn by the respondents after leaving the relative receipt according to law,

Depositors; Joseph Bonett and Katrina Bonett Myles, 8 Campsie Glen, Triq Manwel Bonnici, St Paul's Bay

notification: 1) Director of Public Registry 34, Triq l-Arcisqof, Valletta
2) Deputy Curators, Law Courts, Valletta
3) Joseph Bartolo, 3 Triq it-Torri, St Paul's Bay

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Christian Falzon Scerri, BA, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit, Doctor of Laws.

Today 10th August, 2021

Registry of the Superior Courts, today 24th December, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1975

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-24 ta' Mejju, 2021, minn din il-Qorti (GM) Rikors fl-ismijiet Jane Mercieca et vs Charles Steven Muscat, Rikors numru 162/21, presjedut minn l-istess Qorti, (GM) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Charles Steven Muscat, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Jane Mercieca (KI 840751M) u Mary Ann Sammut (KI 119458M) vs Charles Steven Muscat, fl-24 ta' Frar, 2021, ir-rikorrenti talbu lil intimat jgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex,

By means of a decree given, by the Civil Court First Hall, on the 24th May, 2021, by this Court (GM) in the names Jane Mercieca et vs Charles Steven Muscat, Application number 162/21, presided by the same Court (GM) , the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant Charles Steven Muscat, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Jane Mercieca (ID 840751M) and Mary Ann Sammut (ID 119458M) vs Charles Steven Muscat, on the 24 th February, 2021, the applicants asked the respondent to state why this Honourable Court should not,

1. Prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja tiddeċiedi u tiddikjara li bl-aġir tiegħu l-intimat bi ksur ta' dak provdut fl-Artikolu 534 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, immolesta lil-esponenti fil-pussess li jgawdu fuq il-fond ossija razzett numerat (8) ġja numru sitta (6) magħruf bħala 'Tal-Lublieba' fi Triq Wied iż-Żiju, fil-limiti ta' Marsaskala, kif aħjar indikat fir-rikors u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimat minn issa inġunt in subizzjoni.

Ir-Rikors fl-ismijiet Jane Mercieca et vs Charles Steven Muscat, Rikors numru 162/21 GM, jinsab differit għat-18 ta' Jannar, 2022, fid- 9.50 a.m.

Notifika intimat: 100, The Meadows, Triq Geronimo Abos, L-Iklin

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Diċembru, 2021

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Saving any declaration which may be required and necessary decde and declare that by his actions the respondent in violation of that provided in Article 534 of Cap. 16 of the Laws of Malta, molested the interepellants in the possession they enjoy of the premises or rather farmhouse numbered (8) previously numbered six (6) known as 'Tal-Lublieba' in Triq Wied iż-Żiju, in the limits of Marasakala, as better indicated in the application and uphold the other demands in the application.

With costs, against the respondent, from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Application in the names Jane Mercieca et vs Charles Steven Muscat, Application number 162/21 GM, was deferred for hearing to the 18th January 2022, at 9.50 a.m.

Notify respondent: 100, The Meadows, Triq Geronimo Abos, Iklin

Registry of the Superior Courts, today 27th Decenber, 2021

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1976

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, minn din il-Qorti (AD) fis 6 ta' Lulju, 2021, Rikors fl-ismijiet Societe De Participation Mediterranee Limited vs Joseph Coppini, Rikors numru 558/21 AD, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Joseph Coppini, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Societe de Participation Mediterranee Ltd (C44144) vs Joseph Coppini (KI 456567M) fid-9 ta' Ġunju, 2021, ir-rikorrenti Societe de Participation Mediterranee Ltd (C44144) talbet lil din l-Onorabbli Qorti,

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimat kiser l-obbligi kuntrattwali fuqu inkombenti kif naxxenti mill-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet u datat 14 ta' Mejju, 2016, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors fosthom il-ħlas tad-danni lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kif mitlubin fir-rikors kontra l-intimat inġunt in subizzjoni.

By means of a decree given, by the First Hall Civil Court by this Court (AD) on the 6th July, 2021, Application in the names Societe De Participation Mediterranee Limited vs Joseph Coppini, Application Number 558/21 AD, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant Joseph Coppini, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Societe de Participation Mediterranee Ltd (C44144) vs Joseph Coppini (ID 456567M) on the 9th June, 2021, the applicant Societe de Participation Mediterranee Ltd (C44144) asked this Honourable Court,

1. To decide and declare that the respondent viOlated the contractual obligations incumbent on him as resulting from the contract signed between the parties and dated 14th May, 2016, and uphold the other demands in the application amongst which the payment of damages to the applicant company.

With costs and with legal interest as demanded in the application against the respondent summoned so that a reference to his evidence be made.

Ir-Rikors fl-ismijiet Societe De Participation Mediterranee Limited vs Joseph Coppini, Rikors numru 558/21 AD, jinsab differit għas-smigħ għall-11 ta' Jannar, 2022, fl-10.40 a.m.

Notifika Konvenut: 65, Triq Claire Engel, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Diċembru, 2021

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Application in the names Societe De Participation Mediterranee Limited vs Joseph Coppini, Application number 558/21 AD, has been deferred for hearing to the 11th January, 2022, at 10.40 a.m.

Notify Defendant: 65, Triq Claire Engel, St Julian's

Registry of the Superior Courts, today 27th December, 2021

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1977

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, minn din il-Qorti (NC) fis-7 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Joseph Mifsud et vs Martina Mizzi, Rikors numru 810/21 NC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Martina Mizzi, a tenur ta'l-Artikolu 187(3) et sequtur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Joseph Mifsud (KI 0810055M) u Agnes Mifsud (KI 117857M) vs Martina Mizzi (KI 334890M) fit-13 ta' Awwissu 2021, ir-rikorrent Joseph Mifsud (KI 0810055M) u martu Agnes Mifsud (KI 117857M) talbu lil din l-Onorabbli Qorti,

1. Tiddikjara li b'konsegwenza ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni li għamlet jew inkarigat lil min jagħmel l-intimata, l-esponenti sofrew danni rappreżentanti ħsarat kbar fil-proprejtà residenzjali tagħhom ossija l-fond bl-indirizz 38, Is-Sagħjtar, Triq il-Kapumastru, Iż-Żejtun, tiddikjara l-intimata responsabbli għal ħlas tad-danni u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors, fosthom il-ħlas tad-danni.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont il-liġi kontra l-intimati inġunt in subizzjoni.

Ir-Rikors fl-ismijiet Joseph Mifsud et vs Martina Mizzi, Rikors numru 810/21 NC, jinsab differit għas-smigħ għas-27 ta' Jannar, 2022, fil-11.00 a.m.

Notifika Intimata: 172, C' Est La Vie, Triq is-Swieqi, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Diċembru, 2021

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given, by the Civil Court First Hall, by this Court (NC) on the 7th October, 2021, in the records of the Application in the names Joseph Mifsud et vs Martina Mizzi, Application number 810/21 NC, the folowing publication was ordered for the purpose of service of the respondent Martinac Mizzi, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application, presented, in the First Hall Civil Court, in the names Joseph Mifsud (ID 0810055M) and Agnes Mifsud (ID 117857M0 vs Martina Mizzi (ID 334890M) on the 13th August 2021, the applicant Joseph Mifsud (ID 0810055M0 and his wife Agnes Mifsud (ID 117857M) asked this Honourable Court,

1. To declare that a as a consequence of works of construction which the respondent or those appointed did, the interpellants suffered damages representing huge damages in their residential proprety or rather the premises with address 38,s Is-Sagħjtar,Triq il-Kapumastru, Żejtun, declare the respondent responsible for the payment of damages and uphold the other demands in the application amongst which the payment of damages.

With costs and with interest according to law against the respondents summoned so that a reference to their evfidence be made.

The Application in the names Joseph Mifsud et vs Martin Mizzi, Application number 810/21 NC, has been deferred for hearing to the 27th January, 2022, at 11.00 a.m.

Notify respondent: 172, C' Est La Vie, Triq is-Swieqi, Swieqi

Registry of the Superior Courts, today 27th December, 2021

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603